MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Appell Kriminali Numru. 235/2011

Il-Pulizija

Vs

Christian Vella

Illum 10 ta' Lulju, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Christian Vella, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' dawn il-Gzejjer, nhar is-27 ta' April, 2011, ghall-habta tas-19:00hrs, fl-inhawi ta' San Gwann:

Ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht ir-regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, u cioe` Kuccarda *Pernis apivorus,* mhux skond dawn ir-regolamenti u mhux skond il-kondizzjonijiet ta' kull

licenza moghtija tahthom u dan bi ksur ta' regolament 4(1) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

Ikkaccja fuq l-art xi ghasfur li mhux elenkat fit-Taqsima A ta' l-iskeda II ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 u cioe` Kuccarda *Pernis apivorus*, u dan bi ksur ta' regolament 5(3)(a) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

Ikkajjcja jew ipprobva jikkaccja, ha jew ipprova jiehu b' xi mezz li jkun xi ghasfur, u ghaldaqstant naqas milli jissodisfa l-kondizzjonijiet kollha specifikati fil-licenzja u f'kull ligi ohra u dan bi ksur ta' regolamenti 12 (1) ta' A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

Ikkaccja jew ipprova jikkacja xi ghasfur u cioe` Kuccarda *Pernis apivorus,* minghajr ma kellu licenzja adattata ghal dik l-attivita` mahruga lilhu that ir-regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi jew that xi ligi ohra u dan bi ksru ta' regolament 16(a) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

Waqt l-istagun maghluq ghall-kacca ta' l-ghasafar mhux minn fuq il-bahar, ikkaccja jew ipprova jikkaccja xi ghasfur, jew garr munizzjon jew arma ta' nar barra l-ghata taghha u dan bi ksur ta' regolament 18(1)(a) ta' A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

Zamm jew garr arma tan-nar li kienet ikkargata, jew bl-iskratac fil-kompartimenti ta' l-iskratac ta' l-arma, jew barra l-ghata taghha, meta kien f'post fejn mhux permess l-ispara fuq il-kacca dan bi skur ta' regolament 17 ta' l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Garr arma tan-nar, kemm ikkargata kemm jekk mhix, li ma kienitx fl-ghata taghha, jew spara xi arma tan-anar, waqt li kien inqas minn 200 metru minn xi belt jew rahal, jew zona abitata ohra u dan bi ksur ta' regolament 18(2)(a) ta' l-A.L. ta' l-2006 hekk kif emendat.

Garr kien fil-pussess, ikkaccja jew uza, importa jew iffabbrika xi skartocc ikkargat b'xi comb ta' djametru akbar minn 3.3 mm u dan bi ksru ta' regolament 22 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti giet imtluba li barra li tghati l-piena that ir-regolament 27 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, todna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga that ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u that it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli that l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala persuna licenzjata sabiex izzomm arma tan-nar tal-marka Fabarm s/n 553036 naqas mill izomm fil-pussess u kustodja tieghu l-istess arma u munizjoni b'tali mod li ma jigux facilment f' idejn terzi persuni u dan bi ksur ta' l-Art47 tal-Kap 480.

Akkuzat ukoll talli bhala pussessur ta' licenzja that l-artikolu 27(1) tal-Kap 480 naqas li jhares il-kundizzjonijiet imsemmija f' din il-licenzja.

Il-Qorti giet mitluba li barra l-piena skond il-ligi tornda is-sospenzjoni tal-licenzji tal-kacca ta' l-imputat ghall-mhux anqas minn sena kif ukoll tikkonfiska l-oggetti esebiti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Mejju, 2011 fejn Il-Qorti wara li rat ir-regolamenti 4(1) tal-A.L. 79 tal-2006, 5(3)(a) tal-A.L. 79 tal-2006, 12(1) tal-A.L. 79 tal-2006, 16(a) tal-A.L. 79 tal-2006, 18(1)(a) tal-A.L. 79 tal-2006, 17 tal-A.L. 79 tal-2006, 18(2)(a) tal-A.L. 79 tal-2006 u 22 tal-A.L. 79 tal-2006. kif ukoll l-artikoli 47 u 27(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti ma sabitx lill-appellant hati tas-seba` akkuza u illiberatu minnha, sabithu hati ta' l-ewwel it-tieni, it-tielet, ir-raba, il-hames, is-sitt, it-tmienja, id-disgha u l-ghaxar akkuza u ikkundannatu multa ta' erbat elef u hames mitt ewro (€4,500.00) u ordnat il-konfiska tal-oggetti esebiti u l-iskwalifika tal-licenzja tal-kacca tal-imputat ghal-sentejn.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 ta' Mejju, 2011 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma is-sentenza appellata billi:

a. tikkonfermha fejn instab mhux hati u
b. thassarhom fil-parti fejn instab hati u tiddikjarah mhux hati u tilliberah skond il-ligi.

Alternattivament u minghajr pregudizzju, f' kaz li dan l-appell ma jintlaqadx joghgobha tirriforma fil-parti tal-piena billi timponi piena aktar xierqa w ekwa ghal-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

a. Illi l-ewwel u qabel kollox jigi osservat li l-imputat kien gie imressaq flimkien ma' tlieta ohra w cioe Lawrence Spiteri, Bertrand Galea u Carmel Spiteri fejn dawn it-tlieta ta' l-ahhar kellhom is-segwenti sentenzi rispettivi u cioe: Lawrence Spiteri kien gie mmultat €1,500, konfiska tas-senter u skwalifika ta' licenzja tal-kacca ghal sena; Bertrand Galea li ghamel reati aktar serji kien gie mmultat €2,000, konfiska ta' l-ghasafar u skwalifika tas-senter ghal sena filwaqt li Carmel Spiteri kien gie mmultat €800, konfiska tas-senter u skwalifika tal-licenzja tal-kacca ghal sena,. Illi dan ma jistax jinghad ghall-imputat fejn gie trattat b'mod differenti fejn gie mmultat €4500, konfiska tas-senter u skwalifika ghal sentejn(2). Illi dan it-trattament differenti fil-piena hija ghal kollox ingusta w inaccettabbli liema haga dina l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba tehodha inkonsiderazzjoni f'kaz li taghzel li ssib lil imputat hati.

b. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, hi haga ta' l-iskantament li meta gew il-pulizija, l-istess imputat ma kienx hem u l-ufficjal tal-pulizija li xehed rah ma setax ikun ghax l-imputat ma kienx hemm dak il-hin! Illi filwaqt li seta kien hemm terza persuna ohra dik ma tfissirx li kien l-istess imputat. Illi meta l-ufficcjal tal-pulizija, li xehed li rah, induna li seta ha xi zball, tant li f'hin minnhom beda jittutuba fil-kontroezami imma imbghad saha difficli jmur kontra dak li qal qabel fejn irrealizza li seta kien zbaljat! Din is-skorrettezza u indecizjoni serviette ta' hsara ghall-esponent bil-konsegwenzi odjerni.

c. Illi bhala aggunt tas-susespost, meta l-pulizija marru ghall-imputat huma sabuh id-dar taz-zija li tigi biswit ir-residenza fejn joqghod l-imputat ghall-affarjiet tieghu.

d. Illi l-imputat kien ikkopera kompletament mal-pulizija u sahaq u qed ikompli jishaq fuq il-fatt li l-Kuccard mhux hu spara ghalih w b'hekk ma kienx tighu kif gie indikat erronjament.

e. Illi di piu, jigi osservat li anki xjentifikament ma giex ippruvat mill-prosekuzjoni li c-comb kien mis-skratac tal-imputat liema punt krucjali gie injorat ghal kollox u dan ai finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Ikkunsidrat,

Irrizulta illi fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' April tal-elfejn u hdax (2011) PC 1023 Andrew Bugeja u PS 476 Joe Friggieri rcevew rapporti mill-control room illi sar xi sparar fuq tajr tal-priza fl-inhawi ta' San Gwann. Marru fuq il-post indikat lilhom u hemmhekk raw karozza GIN 045 illi kienet tghajjat lill-appellant Christian Vella. Ftit wara

nstemghu xi tiri u l-pulizija raw lill-appellant illi kien liebes ilbies bil-camouflage. Hekk kif rahom telaq jigri u tilfuh. Però, fl-inhawi fejn kien, PC 1023 gabar kuccarda mejta friska u go dura vicin sabu skratac b'comb ohxon aktar minn 3.2 millimetri kif ukoll ikel nofsu mikul. Fil-vettura registrata f'isem l-appellant instabu xi skratac. Il-pulizija elevaw it-tajra kif ukoll l-iskratac u marru jfittxu lill-appellant illi sussegwentement gie l-ghassa u mar mal-pulizija sabiex ifittxu s-senter illi hu kien rema' fil-haxix. Dan instab u kien tal-marka Fabar. L-appellant ammetta ma' PC 1023 illi kien qieghed prezenti f'dik l-ghalqa u l-iskratac kienu tieghu, però ma ammettix illi kien spara fuq it-tajra. Ma kienx hemm kwistjoni illi l-hin kien wara dak permessibbli peress illi l-pulizija marru fuq il-post wara t-tlieta ta' waranofsinhar (3.00 p.m.). Irrizulta illi l-tajra kienet kuccarda tat-tip "honey buzzard" li huwa ghasfur imhares b'mod strett.

L-appellant xehed illi dik il-gurnata kien ghadda ghal kuginuh Malcolm Vella u marru fl-ghalqa taghhom San Gwann. Marru ghall-kacca u t-tnejn kellhom snieter. Madwarhom kien hemm kaccaturi ohra. Jaf illi dehru xi kuccard izda hu ma sparax ghad illi sema' xi tiri u meta ra l-pulizija gejjin, ippanikjaw, hbew is-snieter fl-ghalqa u telqu jigru. Skont l-appellant dan ghamlu ghax kien jaf li kien qed jikkaccja wara l-hinijiet u ghalhekk harab meta gew il-pulizija.

Malcolm Vella ikkonferma illi kien mal-appellant dak il-hin illi gew il-pulizija. Ra kuccarda taqa' fejn il-hajt taghhom izda raw lill-pulizija gejjin u telqu jigru, però mar l-ghassa minn jeddu. Ma jafx min spara fuq il-kuccarda.

Ikkunsidrat:

B'sentenza moghtija fil-hdax (11) ta' Mejju tal-elfejn u hdax (2011) l-appellant instab hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u gie immultat erbat elef u hames mitt ewro (€ 4,500) kif ukoll konfiska tas-senter u skwalifika milli jottjeni licenzja tal-kacca ghal zmien sentejn.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi l-ewwel Qorti kienet severa wisq mieghu u ikkundannatu ghall-qtil tal-kuccarda meta fil-fatt ma kienx hu li sparalha u lanqas ma kienx hemm provi dwar dan.

Ikkunsidrat:

Ma hemmx dubbju illi huwa ta' importanza vitali x-xhieda ta' PC 1023 Andrew Bugeja illi tinsab traskritta a fol 79 tal-process. Dan qal illi hekk kif wasal f'dik il-parti ta' San Gwann fejn gie indirizzat lilhom illi kien qed isir kacca illegali, huma dahlu fi sqaq fejn jaghti ghall-ghelieqi u hemmhekk lemhu mal-ewwel lill-appellant li kien liebes T-shirt camouflage u jeans. Kien qed ifittex gol-haxix b'kanna twila b'zokk twil u li kien madwar hamsin metru (50m) 'il boghod. Mal-ewwel lemhu lill-appellant li kien gol-ghalqa minn fejn gew it-tiri u fejn waqghet it-tajra tal-priza. Resqu lejh u meta waslu distanza qisu ta' hamsin metru (50m) ghajtulu, izda meta l-appellant rahom telaq jigri. Meta il-pulizija marru hdejn il-post fejn l-appellant kien qieghed ifittex, hemmhekk instabet tajra tat-tip kuccarda ghadha shuna bid-demm ghadu frisk ukoll.

Ikkunsidrat:

Minkejja illi ma kien hemm hadd illi effettivament ra jew ammetta li ra lill-appellant jispara fuq il-kuccarda izda jezistu provi cirkostanzjali bizzejjed sabiex dawn iwasslu lill-Qorti ghall-unika indikazzjoni possibbli illi kien l-appellant li spara fuq il-kuccarda. Il-pulizija waslu fuq il-post dak il-hin illi din il-kuccarda giet maqtula u raw lill-appellant ifittex fil-haxix b'zokk. Xhin il-pulizija sejhulu dan telaq jigri u proprju fil-post fejn kien qed ifittex l-appellant il-pulizija sabu kuccarda maqtula friska. Fid-dura fejn kien hemm l-appellant gew elevati ammont ta' comb li huwa ehxin minn dak permess mil-ligi. Izda l-appellant ma kienx kuntent biss illi jahrab izda heba ukoll is-senter fil-haxix halli dan ma jinstabx mill-pulizija. Fil-fatt kien hu illi indika dan il-post lill-pulizija meta irritornaw iktar tard dik il-gurnata sabiex ifittxu s-senter.

Ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi tiddisturba din id-diskrezzjoni.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena din il-Qorti tirrileva illi flimkien mal-appellant gew akkuzati tlett persuni ohra li lkoll instabu hatja u wehlu multi ferm anqas minn dik tal-appellant. U ghalhekk ikun gust u ekwu li jinzammu l-istess kriterji ghal kulhadd. U ghalhekk hu il-kaz li jsir temperament dwar il-piena. Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta′ u tiddeciedi illi tilqa′ in parti l-appell, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet htija fil-konfront tal-appellant u l-akkuzi migjuba kontra tieghu izda tirriformaha ghal dak li jirrigwarda l-piena u flok multa ta′ erbat elef u hames mitt ewro (€ 4,500) tikkundanna lill-appellant ghal multa ta′ elfejn ewro (€2,000) bil-bqija tas-sanzjonijiet maghmula mill-ewwel Qorti u cioé l-konfiska tas-senter kif ukoll tiskwalifka lill-appellant milli jottjeni licenzja ghall-kacca ghal zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------